MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 20/2011

**Miller Distributors Limited (C344)**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell tal-kumpanija attrici Miller Distributors Limited (C344) datat 28 ta’ Gunju 2011 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

1. Illi r-rikorrenti jiggestixxu kumpanija li tinsab gewwa Triq Hal Tarxien, Luqa.

2. Illi gie intavolat appell mir-rikorrenti quddiem il-Bord Ta’ l-Appell Dwar l-Ippjanar permezz ta’ rikors datat 11 ta’

Marzu 2010 fejn bl-istess rikors hija appellat minn *"Avviz biex Tieqaf ta' Twettiq"* datat 17 ta' Frar 2010.

3. Illi l-Awtorita' pprezentat ir-risposta taghha fit-8 ta' April 2010, li biha l-Awtorita' preliminarjament eccepiet illi l-appell gie pprezentat tardivament.

4. Illi bid-decizjoni tieghu (immarkata Dok. "A") nhar id-9 ta' Gunju 2011, it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (minn hawn il-quddiem *"it-Tribunal")* iddecieda li jilqa' l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-Awtorita` Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-kaz fl-ismijiet Miller Distributors Limited *kontra* l-Awtorita' Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, *stante* li skont l-istess Tribunal l-Appell kien gie intavolat *fuori termine.*

Illi l-aggravju tal-appellant huwa wiehed car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi l-appellanti ma gewx notifikati bil-mod u manjiera kif tehtieg il-ligi, bl-Avviz ta' Twettiq ECF 00117/10 u b'hekk l-Appell ma setax kien wiehed *fuori termine*, minhabba illi t-terminu ta' hmistax(15)-il gurnata minn notifika valida sabiex isir appell minn Avviz ta' Twettiq kif stipulat fl-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** (kif kien applikabbli dak iz-zmien u issa gie emendat), qatt ma beda jiddekorri.

2. Illi t-tribunal qal li *"ma saret l-ebda dikjarazzjoni tal-gurnata preciza meta l-istess socjeta` appellanti, fil-fehma taghha giet debitament u regolarment notifikata",* izda l-istess tribunal bi zvista jew b'nuqqas ta' konsapevolezza naqas li jifhem li jekk notifika mhiex valida, allura tigi invalida - u ghaldaqstant il-persuna titqies daqs li kieku qatt ma giet notifikata.

Illi bir-rispetti kollha, it-Tribunal ibbaza d-decizjoni tieghu biss fuq dak li ssottolinejat l-Awtorita`, u ghaldaqstant naqas li jifhem u jabbraccja dak li verament gara, u li ghaldaqstant wassal ghal interpretazzjoni zbaljata tal-ligi. It-Tribunal ikkonsidra biss l-argument tal-awtorita` dwar **meta** l-appellanti allegatament gew notifikati, u naqas milli

jezamina l-argument tal-appellanti illi **ma kienx hemm notifika valida** *stante* illi l-avviz ta' twettiq ingabar minn ufficcju postali, mhux kif inhu rikjest mil-ligi sabiex ikun hemm notifika valida mill-ufficcju registrat jew principali, u b'hekk mhux rilevanti meta l-appellanti saru jafu bl-avviz ta' twettiq. *In vista* tas-suespost, l-appellant qieghed jintavola dan ir-rikors fil-hin koncess mil-ligi fuq punt ta' dritt ghar-raguniji segwenti:

3. Illi n-notifika datata 23 ta' Frar 2010, kif riskontrat mill-kopja tal-*pink card* (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. B') u mill-insjemi tal-provi tal-fatti, ma tistax titqies bhala wahda valida.

Illi huwa pacifiku, kif esponew l-appellati stess fir-risposta taghhom tat-8 ta' April 2011 (immarkata Dok. "C") ghan-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti tal-1 ta' April 2011 (immarkata Dok. "D") illi l-ezami tal-validita` tan-notifika irid isir fid-dawl tal-**artikolu 62 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** qabel dan gie emendat (applikabbli dak iz-zmien tal-allegata notifika u identiku ghall-**artikolu 96 tal-Kap. 504** li hu applikabbli llum).

Illi d-decizjoni mehuda mit-tribunal tmur kontra dak indikat u specifikat f'**artikolu 62 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema artikolu jghid u jispecifika:

*"(1) Meta xi avviz jew att jew dokument iehor, ikun x'ikun, huwa mehtieg jew awtorizzat li jigi notiflkat jew moghti skont jew taht dan l-Att, jista' jigi notifikat jew moghti f'kull wiehed mill-modi li gejjin:*

*(d ) f'kaz ta' enti morali jew ghaqda ohra ta' persuni, billi jinghata <u>f'idejn ufficjal jew impjegat taghhom fl-ufficcju registrat jew principali</u>, jew billi tinbaghat b'ittra registrata indirizzata lill-enti jew korp f'dak l-ufficcju;"*

Illi tali **artikolu 62** ma jipprovdix ghall-possibilita` ta' notifika f'post iehor hlief fl-ufficcju registrat jew principali.

Illi konsegwentement, in-notifika datata 23 ta' Frar 2010 mhix valida *stante* illi din ma intlaqghetx "... *fl-ufficcju*

*registrat jew principali”* tal-kumpanija Miller Distributors Limited, li huwa “Miller House, Airport Way, Tarxien Road, Luqa” kif mehtieg mil-ligi, izda ingabret minn ufficcju postali.

4. Illi jekk tqajmet l-eccezzjoni tal-*fuori termine*, din tehtieg illi tigi provata minn min jallega. Ghaldaqstant ebda prova ma ngiebet mill-Awtorita` appellata fis-smigh quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar illi kien hemm notifika valida, tant li l-uniku argument li jiggustifika t-Tribunal kien li l-appellant ma wriex meta effettivament gie notifikat.

5. Illi hu rilevanti ghal kaz in ezami l-insenjament ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza ***Dottor Michael Gialanze vs Staak Van Vleit*** *tas-6 ta’ Ottubru 2000,* fir-rigward tal-validita’ ta’ notifika ghall-finijiet ta’ proceduri gudizzjarji fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li z-zmien (sabiex jigu sottomessi l-eccezzjonijiet) ghandu jkun wiehed reali u mhux virtwali fis-sens illi l-konvenut kellu jkun materjalment notifikat - insenjament bazat fuq il-finalita` tad-disposizzjoni tal-ligi li tirrikjedi notifika tal-atti gudizzjarji: u kostruwit fuq il-principju tal-*audi alteram partem* inkorporat fid-dritt fundamentali tas-smigh xieraq;

Illi fil-kawza hawn fuq citata, din l-Onorabbli Qorti sostniet illi galadarba ma kienx hemm notifika valida izda kienet nulla, mhux rilevanti l-fatt illi l-konvenut kien jaf b’dik in-notifika u b’hekk l-Onorabbli Qorti ordnat illi l-atti jigu rimessi u li l-konvenut jigi notifikat mill-gdid.

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk ghal fini ta’ l-argument, in-notifika titqies bhala wahda valida, it-terminu ta’ hmistax-il jum beda jiddekorri minn meta l-istess notifika waslet fl-ufficcju registrat tal-appellanti u giet milqugha minn persuna awtorizzata wara li din ingabret mill-ufficcju postali u mhux meta din ingabret minn tali ufficcju postali. B’hekk xorta wahda l-perjodu ta’ hmistax-il jum min-notifika ma kienx jiskadi fl-10 ta’ Marzu 2011.

Ghaldaqstant, l-appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza u thassar is-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar fl-ismijiet Miller Distributors Limited vs l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u tordna li dan l-appell tal-istess appellanti jigi milqugh u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkustanzi, inkluz jekk hemm bzonn li tordna li l-atti tal-kawza jmorru lura quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar sabiex il-kaz jitkompla quddiem l-istess Bord kompetenti.

Bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat id-dokumenti esebiti a fol. 6 sa 22 tal-process.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 9 ta' Novembru 2011 a fol. 26 tal-process fejn ecceppiet li:-

1. Illi s-socjeta' appellanti qed tallega li ma gietx validament notifikata bl-Avviz ta' Twettiq mertu tal-proceduri odjerni u dan in kwantu l-ligi, ossia l-**Artikolu 62 (1)(d) tal-Kap. 356 (illum 96 tal-Kap. 504),** tipprovdi li l-Avviz kellu jigi notifikat lilha billi jinghata f'idejn ufficjal jew impjegat taghha fl-ufficcju registrat taghha u mhux billi jingabar mill-ufficju postali. Is-socjeta' appellanti ghalhekk targumenta li l-imsemmi Artikolu tal-ligi ma jipprovdix ghall-possibilta' ta' notifika f'post iehor hlief fl-ufficju registrat. Illi bir-rispett kollu dan l-argument m'huwiex korrett in kwantu l-istess Artikolu tal-ligi jipprovdi wkoll li n-notifika lis-socjeta' appellanti tista' ssir anke, *"billi tintbaghat b'ittra registrata ndirizzata lill-enti jew korp f'dak l-ufficcju".* Huwa fatt risaput li l-procedura tan-notifika bil-posta registrata tinkludi l-fatt li l-intimat jista' jigbor il-posta hu stess mill-ufficcju postali. Fil-fatt, proprju hekk gara f'dan il-kaz u cioe' li l-Avviz intbaghat b'mod registrat fl-ufficcju tas-socjeta' appellanti u dan kif jirrizulta mir-referta Dok. "B" annessa mis-socjeta' appellanti stess mar-rikors

t'appell. Dan l-istess Avviz, sussegwentement gie migbur minn rapprezentant tas-socjeta' appellanti mill-ufficcju postali nhar it-23 ta' Frar 2010 u kwindi t-Tribunal kien korrett li jikkonkludi li n-notifika lis-socjeta' appellanti saret b'mod validu fit-23 ta' Frar 2010:

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u minghajr ma jidhol fil-kwistjoni dwar jekk il-persuna gabret l-Avviz in kwistjoni mill-ufficcju postali kienx jew le ufficjal jew impjegat tas-socjeta' appellanti, l-esponenti jinnota li t-tieni parti tal-**artikolu 62 (1) (d) tal-Kap. 356** hawn fuq citata ma tindikax li l-Avviz registrat irid ikun moghti f'idejn ufficjal jew rapprezentant tas-socjeta' izda huwa bizzejjed li dan l-Avviz registrat ikun intbaghat fl-ufficcju registrat taghha. Illi apparti hekk, l-esponenti jissottometti li gialadarba persuna tkun qed tmur *sua sponte* sa l-ufficcju postali sabiex tigbor ittra registrata, dan ifisser illi tali persuna hija inkarigata proprju sabiex taghmel hekk u cioe' biex tircievi l-atti ghan-nom tas-socjeta' appellanti. Dan fil-fatt jirrikjedi li tali persuna jkollha fil-pussess taghha n-notifika mibghuta mill-posta li biha tkun tista' tigbor l-ittra registrata.

3. Illi ghalhekk jirrizulta b'mod car li s-socjeta' appellanti kienet giet notifikata *ai termini* tal-ligi bl-Avviz mertu tal-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 9 ta' Gunju 2011 u d-dokumenti annessi mar-rikors t'appell tas-socjeta' intimata, tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi u titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-9 ta' Gunju 2011, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 16 ta' Novembru 2011 a fol 29 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Miller Distributors**

**Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-Bord.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Novembru 2011 quddiem il-Qorti fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Adrian Delia ghas-socjeta` appellanti, rapprezentata minn Malcolm Miller, u Dr. Ian Vella Galea ghall-awtorita` appellata. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett t'ostaskolu ghal 21 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fis-17 ta' Frar 2010 kien hareg Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kontra s-socjeta' appellanti indirizzat f'Miller House, Airport Way, Tarxien Road, Luqa, u li minnu sar appell fil-11 ta' Marzu 2011 ai termini tal-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356** iffirmat minn Dr. John L. Gauci (fol. 46 tal-process tal-appell tat-Tribunal), fejn fl-istess appell l-istess socjeta' appellanti qed tghid li *"nhar l-24 ta' Frar 2010 is-socjeta' esponenti giet notifikata b'Avviz Skond l-Artikoli 51 u 52 tal-Att Nru. 1 tal-1992 Dwar l-Ippjanar u l-Izvilupp – Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq (ECF 0117/10) li jidher datat 17 ta' Frar 2010…..".* L-appell sar fuq allegata irritwalita' procedurali fil-hrug tal-avviz u dwar allegata infondatezza tal-mertu.

Illi b'risposta ghal dan l-appell Dr. Tony DeGaetano ghall-Awtorita' eccepixxa fl-ewwel lok li l-appell kien fouri termine ghaliex mhux minnu li n-notifika saret fl-24 ta' Frar 2010, izda kif jidher mill-pink card (Dok. "TD 1") din saret fit-23 ta' Frar 2010. Fil-fatt fuq l-istess pink card ma hemm l-ebda dubju li d-data tan-notifika kienet dik tat-23 ta' Frar 2010, kif il-Qorti qed tikkonstata prezenzjalment ukoll u fejn jidher li mill-istess pink card din hija ndirizzata fl-indirizz tas-socjeta' appellanti u iffirmata minn *addressee* u wkoll minn ufficjali tal-posta proprju fit-23 ta' Frar 2010.

Illi jidher li b'nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti datata 1 ta' April 2011 inghad li ghalkemm in-notifika saret fit-23 ta' Frar 2010, ghall-ewwel darba inghad li effettivament in-notifika ma saritx fl-indirizz registrat tal-kumpanija appellanti Miller Distributors Limited, kif inhu imnizzel fil-*pink card*, izda allegatament *"giet migbura mill-ufficju tal-posta, u filfatt jidher fuq l-istess pink card il-firma ta' persuna li kinitx awtorizzata mill-istess kumpanija illi tiffirma ghal dan id-dokument u ghaldaqstant l-istess notifika ma waslitx f'idejn id-diretturi jew segretarja tal-kumpanija fid-data stipulata"* u b'hekk qed jinghad li tali notifika ma hijiex valida kemm ghaliex ma gietx accettata minn persuna awtorizzata u kif ukoll li tali notifika ma saritx fil-post fejn kellha ssir.

Illi b'nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' inghad li n-notifika saret sew ghaliex giet migbura minn persuna inkarigata mis-socjeta' appellanti u wkoll saret fl-indirizz tal-istess socjeta' u inghad ukoll li ma saret ebda prova li min iffirma l-*pink card* kien xi hadd li kienx impjegat tal-istess socjeta' izda qed jinghad biss, bla prova wkoll, li tali persuna ma kienitx awtorizzata li taccetta tali notifika, u allura lanqas hawn ma saret ebda prova ta' dak allegat mis-socjeta' appellanti.

Illi t-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal) b'decizjoni tieghu datata 9 ta' Gunju 2011 sostna li jidher li n-notifika saret fit-23 ta' Frar 2011 u la darba l-appell minn tali Avviz kellu jsir fi zmien 15-il gurnata min-notifika ta' l-Avviz skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356,** mela allura t-terminu kien jaghlaq fl-10 ta' Marzu 2010 u mhux fil-11 ta' Marzu 2010 u dan ikkalkulat skond id-dispisozzjonijiet tal-**artikolu 102 tal-Kap. 12.** u ghalhekk l-appell gie ddikjarat *fuori termine.*

Illi minn din id-decizjoni sar l-appell odjern fejn qed jinghad li t-Tribunal ikkonsidra biss il-punt meta saret in-notifika u mhux li effettivament ma saritx notifika valida skond il-ligi ghaliex n-notifika saret mill-ufficju postali u mhux fl-indirizz tas-socjeta' appellanti u allura n-notifika ma saritx skond kif dispost u fil-post indikat fl-**artikolu 62 (1) (d) tal-Kap. 356** fis-sens li ma saritx fil-post registrat

tal-istess socjeta' li fl-istess appell gie indikat bhala "Miller House", Airport Way, Tarxien Road, Luqa". Inghad ukoll li la darba tqajjmet l-eccezzjoni li l-appell quddiem it-Tribunal kien sar *fouri termine* mela allura sta ghall-istess Awtorita' li tipprova dak minnha allegat u allura jinghad li l-Awtorita' naqset ghaliex ma ppruvatx min attwalment kien gie notifikat bl-istess Avviz; minn hawn intqal li la darba tali notifika hija nulla mela allura tali terminu ta' l-appell ma bediex jaghddi u dan ghaliex kif inghad fis-sentenza **"Dr. Michael Gialanze vs Staak Van Vleit"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 2000) z-zmien tal-appell ghandu jkun wiehed rejali u mhux virtwali fis-sens li l-konvenut ghandu jkun materjalment notifikat skond il-ligi. Fl-ahharnett inghad ukoll li galadarba anke jekk tali notifika titqies bhala valida, t-terminu jibda jghaddi minn meta l-istess waslet fl-ufficju registrat tas-socjeta' appellanti u giet milqugha minn persuna, skond l-istess socjeta' appellanti, awtorizzata li tiehu l-posta tal-istess socjeta'.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li dak li qed jigi attakkat mis-socjeta' appellanti hija n-notifika li saret fit-23 ta' Frar 2010 tal-Avviz mertu tal-kawza odjerna, u dan ghaliex qed jinghad li tali notifika ma saritx skond il-ligi ghaliex ma saritx mill-ufficju registrat tas-socjeta' appellanti ghaliex ingabret mill-ufficju tal-posta, u wkoll ghaliex ma inghatatx lil persuna awtorizzata li tigbor il-posta ghas-socjeta' appellanti u allura tali notifika ma saritx skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 62 (1) (d) tal-Kap. 356.**

Illi fil-verita' dan kollu huwa nfondat u dan ghaliex il-prova tan-notifika saret permezz tal-*pink card* li fiha hemm indikat li din giet indirizzata fl-indirizz tas-socjeta' appellanti u wkoll li hemm firma tad-destinatarju fit-23 ta' Frar 2010. Minn imkien ma jirrizulta dak allegat mis-socjeta' appellanti kemm dwar il-post u kemm dwar il-persuna, u fil-fatt is-socjeta' appellanti fil-proceduri quddiem it-Tribunal qatt ma gabet provi sabiex tissostanzja dak li kienet bdiet tallega waqt l-istess proceduri, (u wara li tqajjmet l-eccezzjoni mill-Awtorita' appellata li l-appell kien *fouri termine*), u dan fis-sens li tali notifika, li jidher li saret skond il-ligi, allegatament kienet nulla, ghaliex ma saritx fil-post indikat mill-ligi u wkoll

saret lill-persuna mhux awtorizzata. Fil-fatt mhux hekk biss izda mill-atti processwali ta' quddiem it-Tribunal ma jirrizultax li f'xi mument l-istess socjeta' appellanti talbet li tressaq provi sabiex tissostanzja b'xi mod dak li hija kienet qed tallega kemm dwar il-post u kemm dwar il-persuna, u dan meta kien oneru taghha li taghmel dan ghaliex kienet hija li qed tvantah.

Illi dan iktar u iktar meta mid-dokument tar-riferta li hija l-*pink card* kull ma jidher huwa li din waslet fil-post indikat bhala l-indirizz tas-socjeta' appellanti li jikkombaccja ma' dak moghti mis-socjeta' appellanti f'dan l-appell stess, u wkoll li din giet hekk iffirmata minn persuna li prezentat ruhha ghan-nom tas-socjeta' appellanti, u f'dan ir-rigward jinghad li f'dan l-appell u lanqas quddiem it-Tribunal qatt ma inghad li tali persuna ma kienitx impjegata tas-socjeta' appellanti, izda biss li skond is-socjeta' appellanti, ma kienitx awtorizzata li tircievi posta ghan-nom tas-socjeta' apppellanti u ghalhekk lanqas dan ma seta` jwassal sabiex tali notifika tigi ddikjarata nulla. Dan qed jinghad anke fid-dawl ta' dik li hija (u baqghet dejjem) l-allegazzjoni tas-socjeta' appellanti li l-istess Avviz ingabar minn persuna, li naturalment baghtet hija fl-ufficju tal-posta, li mid-data tan-nota ta' osservazzjonijiet quddiem it-Tribunal, qed tghid li ma kienitx awtorizzata li tircievi l-posta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu ma jistax jinghad li T-Tribunal ma kkonsidrax jekk in-notifika tat-23 ta' Frar 2010 kinitx valida, ghaliex jidher li l-istess Tribunal qaghad fuq il-fatti li kellu quddiemu u cjoe' li kellu riferta li indirizzata fl-indirizz tas-socjeta' appellanti u li giet debitament hekk ricevuta minn adett tal-istess socjeta', anke ghaliex ma kien hemm lanqas ebda allegazzjoni li dan ma kienx il-kaz, izda biss li tali persuna ma kienitx awtorizzata li tircievi posta, allegazzjoni li qatt ma giet b'xi mod ipprovata mis-socjeta' appellanti u fil-fatt lanqas biss ippruvat jew talbet li tipprova dan, meta l-allegazzjoni saret minna. Dan anke in vista tal-fatt li l-Awtorita' ippruvat bil-*pink card* li saret in-notifika ai termini tal-**artikolu 62 (1) (d) tal-Kap. 356** (illum **artikolu 96 tal-Kap. 504)** u dan ghaliex kienet

inbghatet *"ittra registrata ndirrizata lill-enti jew korp f'dak l-ufficju".*

Illi fil-fatt originarjament fl-appell maghmul mis-socjeta' appellanti quddiem it-Tribunal jinghad li n-notifika lis-socjeta' appellanti saret fl-24 ta' Frar 2010, izda ghaliex inghad hekk ma jirrizulta minn imkien, u kien biss fir-risposta tal-Awtorita' li hareg li n-notifika saret fit-23 ta' Frar 2010, u dan kien ppruvat mill-pink relattiv. Iffacjata b'dan, is-socjeta' appellanti ghamlet l-allegazzjonijiet taghha kif illum proposti permezz ta' nota ta' osservazzjonijiet datata l-1 ta'April 2011 izda bla ma dan gie sostanzjat bl-ebda prova ta' xejn, tant li lanqas talba ghal dan ma saret u dan sakemm inghatat id-decizjoni mit-Tribunal fid-9 ta' Gunju 2011. Huwa ghalhekk f'dan id-dawl li l-istess Tribunal kellu jiddeciedi l-punt li kellu quddiemu in vista tal-eccezzjoni sollevata mill-Awtorita' u fid-dawl ta' dawk ir-rizultanzi esitu wiehed biss kien hemm u cjoe' dak ippruvat li l-Avviz kien notifikat fit-23 ta' Frar 2010 u l-appell minnu kellu jsir sal-10 ta' Marzu 2010 u minflok sar fil-11 ta' Marzu 2010 u ghalhekk sar *fuori termine*, u dan anke ghaliex dak vantat mis-socjeta' appellanti ma gie bl-ebda mod ippruvat u wisq inqas sostanzjat.

Illi huwa sinifikattiv li fl-appell taghha tal-11 ta' Marzu 2010 l-istess socjeta' appellanti bl-ebda mod ma tattakka l-validita' tan-notifika li saret tal-Avviz, izda erronjament qalet li fl-24 ta' Frar 2010 hija giet notifikata bl-Avviz, u dan meta ntavolat appell skond id-disposizzjonijiet vigenti dak in-nhar tal-**artikolu 52 (9) tal-Kap. 356** u allura f'dan l-istess appell ma kien hemm xejn x'jindika li l-istess socjeta' appellanti kienet qed tikkontesta l-validita' tan-notifika; din bdiet issir biss wara li l-Awtorita' fir-risposta taghha indikatilha li n-notifika kienet saret fit-23 ta' Frar 2010 u hawn l-istess socjeta' appellanti bdiet bis-sottomissjonijiet taghha dwar il-validita' tan-notifika, li pero' qatt ma gew sostanzjati bi provi u lanqas ippruvat hekk tissostanzjahom; almenu talba f'dan is-sens fil-process kollu quddiem it-Tribunal ma kienx hemm. Fuq dan il-punt jinghad li anke kieku ghall-grazzja tal-argument jigi accettat li n-notifika saret billi impjegata tas-socjeta'

appellanti gabret l-inkartiment mill-ufficcju tal-posta, dan xorta wahda irendi tali notifika valida ghaliex xorta jibqa' l-fatt li intbghatet ittra/avviz registrat/a fl-indirizz tas-socjeta' intimata u ghalhekk il-vot tal-ligi gie sodisfatt.

Illi kwantu ghall-kaz citat ta' **"Dr. Michael Gialanze vs Staak Van Vleit"** (A.C. – 6 ta' Ottubru 2000 – Vol. LXXXIV.ii. 451) dan ma ghandu x'jaqsam xejn ma` dan il-kaz ghaliex hemm kien jittratta dwar notifika li saret lill-konvenut fi zmien meta fid-data tan-notifika huwa kien jinsab barra minn Malta, ghalkemm tali notifika kienet saret lill-mara tieghu. Dan il-kaz ma ghandu x'jaqsam xejn ma` dan u allura bl-ebda mod ma jista' jghin lis-socjeta' appellanti li hija u ghadha registrata Malta.

Illi ghalhekk l-appell qed jigi respint ghaliex ghal kollox infondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 9 ta' Novembru 2011 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Miller Distributors Limited datat 28 ta' Gunju 2011 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Gunju 2011 (Appell Numru 46/10E CF) fl-ismijiet "Miller Distributors Limited vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar".**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta' appellanti Miller Distributors Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------